

# DMV Magic Touch™

## Għal Lentijiet tal-Kuntatt Ibsin u li Jgħaddi l-Gass Minnhom

**Użu Intenzjonat**

Dan it-tagħmir huwa ddisinjat għal biex wieħed idaħħal u jneħħi lentijiet tal-kuntatt ibsin u li jgħaddi l-gass minnhom.

**Istruzzjonijiet għall-użu**

Qabel ma tużah għall-ewwel darba, naddaf it-tagħmir b'70% isopropyl alcohol u ħallieh jinxef b'mod naturali.

Tneħħija – Xarrab kemxejn it-tazza tal-ġbid tal-arja. Agħfas b'mod sod il-parti tan-nofs tal-manku. Kun żgur li l-lenti tal-kuntatt hija ċċentrata fuq l-għajn. Allinja t-tazza tal-ġbid tal-arja quddiem il-lenti u missha maċ-ċentru tal-lenti billi tuża mera. Ibqa' żomm il-manku b'mod sod biex toħloq ġbid tal-arja. Aqla' l-lenti tal-kuntatt direttament mill-għajn. Wara li tneħħiha, erħi u tibqax tagħfas fuq il-manku biex il-lenti toħroġ minn ġot-tazza tal-ġbid tal-arja.

Inserzjoni – Poġġi l-lenti tal-kuntatt imxarrba fuq it-tazza tal-ġbid tal-arja. Il-lenti mxarrba se teħel f'din il-pożizzjoni. TAGĦFASX il-manku. Poġġi l-lenti tal-kuntatt direttament fuq l-għajn.

Segwi l-istruzzjonijiet tal-fitter tal-lenti tal-kuntatt tiegħek/tal-professjonista tal-kura tal-għajnejn tiegħek.

**Tindif**

Kull darba wara li tuża DMV Magic Touch, naddfu b'70% isopropyl alcohol u ħallieh jinxef b'mod naturali. Aħżen it-tagħmir fil-kaxxa tiegħu wara li jinxef. Żomm il-kanal tal-arja ħieles mill-fdalijiet. Ippjana li tissostitwixxieh darba kull sitt xhur.

**Prekawzjoni:** Jekk id-DMV Magic Touch jeħel aċċidentalment mal-għajn, erħi l-manku u jinqala' minn mal-għajn. Dan it-tagħmir mhux se jeħel mal-għajn.

**Attenzjoni:** Jekk jogħġbok żomm dan il-prodott 'il bogħod mil-likwidi bħal krema tal-idejn, ġells tax-xagħar, likwidu għat-tneħħija tal-verniċ tad-dwiefer u sustanzi ossidanti qawwijin.

**Attenzjoni:** Periklu ta' fgar. Żomm dan u l-apparati mediċi kollha 'l bogħod minn tfal żgħar. Dan il-prodott mhux rakkomandat biex jintuża ma'
għajnejn li għandhom xi mard jew ħsara. Jekk tesperjenza irritazzjoni fl-għajnejn, indeboliment jew uġigħ fil-vista mhux tas-soltu, ikkonsulta lill-professjonista tal-kura tal-għajnejn tiegħek.

**Attenzjoni:** Għalkemm m'hemm l-ebda evidenza ta' problemi ta' allerġija b'dan il-prodott, **fih gomma naturali xotta. Ma fihx latex likwidu**, allerġen magħruf.

**TUŻAX DMV Magic Touch għal lentijiet tal-kuntatt ROTOB jew Ibridi.**

Jekk kellek kwalunkwe inċident serju b'rabta ma' dan it-tagħmir, irrappurtah lill-manifattur. Jekk inti residenti fl-UE, irrapporta l-inċident lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li inti stabbilit fih.

Dan il-prodott jippermetti lil persuni li jilbsu l-lentijiet tal-kuntatt biex idaħħlu u/jew ineħħu l-lentijiet tal-kuntatt tagħhom sabiex jużawhom skont l-iskop intenzjonat. Għalhekk dan il-prodott huwa meqjus li huwa apparat mediku.

MD Dan il-prodott huwa apparat mediku

Ipproteġi mix-xemx diretta

105°C 220°F Taħżinx f'temperatura ogħla minn 105° C/220°F

1 Pazjent wieħed - użu multiplu

Aqra l-Istruzzjonijiet għall-Użu dmvcorp.com

Data tal-Manifattura

CE

Distribution Europe:
Prolens AG, Josefstrasse 53
CH-8005, Zürich

DMV Corporation
1024 Military Road
Zanesville, Ohio 43701 - USA

EC REP

Emergo Europe
Prinsessegracht 20
2514 AP, The Hague - The Netherlands